32000R2706

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 2706/2000

tal-11 ta' Diċembru 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1455/1999 li jirregola l-istandard ta' *marketing* għall-bżar ħelu

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u ħxejjex ([1]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 1257/1999 ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1455/1999 ([3]) jirregola l-istandard ta' kummerċ għall-bżar ħelu.

(2) Ma huwiex possibbli fil-prattika li wieħed jistabbilixxi distinzjoni bejn it-tipi ta' bżar ħelu. Għandu għalhekk jiġi speċifikat li l-bżar ħelu kollu huwa varjetajiet (*cultivars*) imkabbra mill-*Capsicum annuum L. var. annuum*, u dderoga fir-rigward tad-daqs minimu ta' *Capsicum annuum L. var. longum*, magħruf ukoll bħala "peperonċini", għandha titħassar.

(3) Il-bejgħ ta' bżar ħelu żgħir u mtawwal (bil-ponta) qiegħed jiżdied. Id-daqs minimu applikabbli għal dan it-tip ta' bżar għandu għalhekk jitbaxxa.

(4) Meta l-bżar ħelu jiġi preżentat f'taħlita ta' kuluri, m'hijiex meħtieġa uniformità ta' oriġini. Huwa għalhekk meħtieġ li wieħed jesiġi, fejn xieraq, indikazzjoni tal-pajjiżi ta' oriġini differenti.

(5) Il-bejgħ ta' bżar żgħir kiber fis-snin reċenti. Għandu għalhekk ikun hemm dispożizzjonijiet speċjali dwar iddaqs ta' dawk il-prodotti, li huma inqas mid-daqs minimu, flimkien mad-dispożizzjonijiet relattivi dwar tikkettjar u preżentazzjoni.

(6) Il-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1455/1999 huwa emendat kif ġej:

1. L-ewwel paragrafu tat-Titolu I (Definizzjoni ta' prodotti agrikoli) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "Dan l-istandard japplika għal bżar ħelu ta' varjetajiet (*cultivars*) mkabbrin mill-*Capsicum annuum L. var. annuum*, li jridu jiġu forniti friski lill-konsumatur, u l-bżar ħelu għall-iproċessar industrijali huwa eskluż."

2. L-ewwel indent tat-tielet paragrafu tat-Titolu III (Dispożizzjonijiet dwar daqsijiet) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "— bżar ħelu twil (ippuntat): 20 mm."

3. Il-ħames paragrafu tat-Titolu III (Dispożizzjonijiet dwar daqsijiet) huwa mibdul b'dan li ġej flimkien man-nota fil-qiegħ tal-paġna assoċjata:

   "Ir-rekwiżiti ta' daqs m'għandhomx japplikaw għal prodotti fiċ-ċokon ([1]).

   ([1]) Prodott fiċ-ċokon tfisser varjetà jew kultivar ta' bżar ħelu, miksub bit-trobbija tal-pjanti jew permezz ta' tekniċi ta' kultivazzjoni speċjali, eskluż bżar ħelu ta' varjetajiet li mhumiex magħmulin fiċ-ċokon li ma jkunux żviluppaw għal kollox jew li jkunu ta' daqs mhux adegwat. Ir-rekwiżiti l-oħrajn kollha ta' l-istandard iridu jiġu soddisfatti."

4. Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara r-raba' paragrafu tal-punt A (Uniformità) tat-Titolu V (dispożizzjonijiet dwar preżentazzjoni):

   "Bżar ħelu fiċ-ċokon irid ikun raġonevolment l-istess fid-daqs. Jista' jiġi mħallat ma' prodotti fiċ-ċokon oħrajn ta' tip u oriġini differenti."

5. It-tielet daħla tal-punt B (Xorta tal-prodott) tat-Titolu VI (dispożizzjonijiet dwar immarkar) hija mħassra.

6. L-ewwel indent tal-punt Ċ (Oriġini tal-prodott) tat-Titolu VI (dispożizzjonijiet dwar l-immarkar) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "— Pajjiż jew, fejn xieraq, pajjiżi ta' oriġini u, fakoltativament, distrett fejn imkabbar jew isem tal-post nazzjonali, reġjonali jew lokali."

7. L-indent li ġej huwa mdaħħal wara t-tieni daħla fil-punt D (speċifikazzjonijiet Kummerċjali) tat-Titolu VI (Dispożizzjonijiet dwar l-immarkar):

   "— bżar *'mini'*, bżar miż- żgħir, jew kliem xieraq ieħor għal prodott fiċ-ċokon. Jekk bosta tipi ta' prodott fiċ-ċokon jitħalltu fl-istess pakkett, il-prodotti kollha u l-oriġini rispettivi tagħhom iridu jissemmew."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-ewwel ġurnata tat-tielet xahar wara dik tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

([1]) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80.
([3]) ĠU L 167, tat-2.7.1999, p. 22.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni